# QUDDIEM IL-MERA

Għalxejn!... Għalxejn!... Din il-maxta ma toqgħodlix, din it-terra ma' tridx taqbad... Kemm ħlejt flus għalxejn f'din it-terra, x'tama qawwija kelli fiha. Kienu qaluli li din it-terra tati lewn is-sema fi nżul ix-xemx, lewn ħamrani sabiħ u mitfi, lewn li jsaħħar; kienu żgurawni li din it-terra ġġedded il-ħajja fil-ħaddejn mitbiela, li din it-terra ċċekken u tagħmlek żagħżugħa mill-ġdid. U lil kullħadd!... Kullħadd!... Kullħadd!... Iżda mhux lili! Kemm narani stramba biha.

Kemm narani kerha!... Imma possibbli li dawk il-għajnejn mitbiela li q'ed nara quddiemi, dawk il-għajnejn għajjiena u mitfija li q'ed nara jiffissawni fil-mera, dawk il-għajnejn huma tiegħi?... Tiegħi?!... Jien li nħoss tant ħajja tiġri ġo fija, jien li m'għandi sabar ta' xejn, li nħossni tant nervuża, possibbli li għandi dawk il-għajnejn mejta, dawk il-għajnejn ta' xiħa?! Kemm huma koroh... ċkejkna ċkejkna... żoroq... bla ħajja!... Li kelli għajnejn Biċe... jew Doris... jew Vivì... kemm kont inkun ferħana, kemm kont ingħid li xortija tajba... Dik Biċe kemm titkessaħ bihom, kemm taqlibhom, taf li għandha għajnejha sbieħ!... U dawk ix-xoftejn, irqaq irqaq u sofor, dak il-ħalq donnu qasma ta' sikkina, dak l-imnieħer bla sura!... Imma possibbli li dak il-wiċċ hu tiegħi, li dak il-wiċċ bla ħajja hu wiċċi, li dawk il-għajnejn, dawk ix-xoftejn, dak l-imnieħer huma għajnejja, xofftejja, imnieħri? Jien li tant inħobb nitgħaxxaq bis-sabiħ, li tant inħobb infaħħar dak li hu magħmul sewwa, għaliex kelli niġi hekk, għaliex kelli ninzerta dis-sura? Jien qatt ma ridt li nkun xi sbuħija, qatt ma ridt li kull fejn immur insaħħar lil kullħadd warajja, qatt ma ridt, qatt ma xtaqt li sbuħiti tagħleb is-sbuħija tat-tfajliet l-oħra. Ridt biss li ma nkunx wisq kerha, li ma nkunx nimbotta. Ridt inkun sabiħa biż-żejjed biex jieħu grazzja miegħi bniedem wieħed biss, biex jeħodni, biex jiżżewwiġni, biex jagħmilni tiegħu! Għax jien inħoss tant qawwi ġo fija l-bżonn li nħobb u nkun maħbuba, il-bżonn li jkolli bniedem għal min nissagrifika ruħi, ix-xewqa li narani sidt ta' dari... Nixtieq li idejja tiġihom il-qawwa tassaħħara u nħoll u nagħmel mill-ġdid dan il-wiċċ li tant ġgħalni nġarrab, nixtieq li xewqti tiġi mitmuma u nsibni mibdula fil-bniedma tal-ħolm tiegħi... Nixtieq norqod raqda, raqda twila twila bla tmiem, u ninsa kollox, ninsa lill-ħbiebi, ninsa lili n-nifsi. U nħoss ġismi jinħall, ġismi jispiċċa fix-xejn u jitbiegħed jitbiegħed il-bogħod minni... U noħlom... Noħlom li q'ed narani fi ġnien, ġnien mill-isbaħ, u nsibni mdawra b'kull ma tista tixtieq il-qalb tal-bniedem. U nisma leħen mat-tħaxwix tal-weraq: "Ħu li trid, għażel li tixtieq qalbek". U jien inwieġeb: "Sinjur, li ma nafekx imma li mix-xeħta tista kollox.

Jien ma rridx għana, ma rridx frugħa. Irrid biss li nkun maħbuba, li nkun imdawra bl-imħabba, li nkun ġo dari fi ħdan imħabbit żewġi u wliedi. Għalhekk, Sinjur, għamilni sabiħa biex ngħoġob lil dak li għad ikun żewġi; biex insaħħar warajja dak li tixtieq qalbi". U jidhirli li q'ed inħoss sħana kbira ġo wiċċi, jidhirli li q'ed inħoss xi id moħbija tidlikli u tagħfasli u tirranġali wiċċi, jidhirli li q'ed inħoss isir miraklu ġo fija. Kemm insir sabiħa, għajnejn kbar u suwed, xofftejn mimlija u lewnit il-qrolla, imnieħer mislut, ħaddejn mil-lewn is-saħħa. Kemm inkun sabiħa. Imma jien ma rridx inkun sabiħa biex inġennen warajja lil ħafna min-nies, ma rridx inkun sabiħa biex nisboq bi sbuħiti lit-tfajliet l-oħra. Irrid biss insib wieħed, sabiħ u tajjeb daqs kemm pinġejtu fil-ħolm tiegħi, irrid biss insib wieħed li jkun iħobbni daqs dawl għajnejh, u miegħu ngħaddi ferħana fit-triq tal-ħajja! Kemm inkun inħobbu, kemm inkun mitlufa warajh, kemm inkun...

Imma kemm jien belha. Insejt li jkolli nibqa' kif jien sa mewti?... Kemm hu ikrah tqum, tistembaħ wara ħolma sabiħa!

ĠUŻÊ BONNICI